# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 1072/22/2 AF**

**Antonella Mizzi**

**v.**

**Jean Claude Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Jean Claude Micallef kontra deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Marzu, 2023, fejn hija laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi billi: (i) iddeċidiet il-kawża bil-proċediment sommarju speċjali skont l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) iddikjarat li l-

konvenut huwa debitur tal-attriċi fis-somma ta’ €43,000 u kkundannatu jħallasha din is-somma, bl-imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors maħluf tagħha; u (iii) ordnat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf imressaq fl-10 ta’ Novembru, 2022, l-attriċi fissret li hija damet f’relazzjoni mal-konvenut mis-sena 2017 sas-sena 2021. Tenniet li matul dan il-perjodu, il-konvenut xtaq jixtri *penthouse* f’Marsaxlokk, iżda huwa ma kellux biżżejjed flus u għalhekk hija kienet sellfitu somma flus għal dan il-għan. Hija ssoktat tgħid li kemm hu hekk, b’kitba unilaterali magħmula fl-1 ta' Awwissu, 2020, il-konvenut iddikjara li huwa kien qiegħed jissellef mingħand l-attriċi s-somma ta’ €60,000.

3. L-attriċi spjegat ukoll li kultant żmien hija kienet titlob lill-konvenut informalment biex iħallasha lura s-somma li sellfitu; madankollu sa Awwissu tas-sena 2022 huwa kien raddilha lura biss is-somma ta’ €20,000 u b’hekk kien għad fadallu jħallasha s-somma ta’ €40,000. Minħabba f’hekk, hija bagħtitlu ittra bl-avukat fit-22 ta’ Awwissu, 2022 u ittra uffiċjali fid-29 ta’ Awwissu, 2022, fejn hija sejħitlu biex iħallasha d-dejn ta’ €40,000 li kellu magħha. Minkejja dan, il-konvenut baqa’ ma ħallasha xejn.

4. B'żieda ma' dan, l-attriċi fissret li minbarra s-somma ta' €40,000, il-konvenut kien ukoll midjun magħha fl-ammont ta' €3,000. Dan minħabba li l-konvenut kien biegħ f'isimha l-*jet ski* tagħha iżda naqas li jgħaddilha din is-somma, li tirrappreżenta l-prezz tal-bejgħ ta' dan il-*jet ski*. B'hekk, skont l-attriċi, il-konvenut kien midjun magħha fl-ammont totali ta' €43,000, liema dejn fil-fehma tal-attriċi huwa wieħed ċert, likwidu u dovut. L-attriċi saħqet ukoll li l-konvenut ma kellu ebda eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba tagħha għall-ħlas fl-ammont hawn fuq imsemmi.

5. Minħabba f'hekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża skont l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *2. Tiddikjara l-intimat vera, ċert u likwidu debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf Ewro (€43,000).*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimat sabiex minnufih jħallas s-somma ta' tlieta u erbgħin elf Ewro (€43,000) lir-rikorrenti, bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi mill-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat illi minn issa inġunt in subizzjoni.»*

6. Fit-30 ta' Jannar, 2023, il-konvenut ressaq nota skont l-**Artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jikkontesta s-siwi tal-proċedura użata mill-attriċi. F'din in-nota tiegħu, il-konvenut qal hekk:

> *«1. L-ammont mitlub, ossia l-ammont ta' tlieta u erbgħin elf ewro (€43,000.00), mhuwiex l-ammont dovut lill-attriċi mill-esponent u dan anke kif jirriżulta mill-messaġġi tal-attriċi ppreżentati minnha stess fejn*

*f'messaġġ minnhom nhar l-4 ta' Awwissu tas-sena 2022 tgħid, "I am sending you in writing amount due and payment terms with dates specific";*

*2. Tul ir-relazzjoni li kellhom il-partijiet huma flimkien daħlu għal diversi opportunitajiet ta' negozju u għalkemm huwa minnu li hemm flejjes dovuti mill-esponent, hemm ukoll flejjes dovuti mill-attriċi lill-esponent u l-ammont dovut mill-attriċi huwa inqas mit-tlieta u erbgħin elf ewro (€43,000.00) mitluba;*

*3. L-esponent ma kien qatt notifikat bl-ittra uffiċjali esebita mar-rikors ġuramentat tal-attriċi u da parti tiegħu kien hemm tul ix-xhur riċenti diversi tentattivi sabiex bilanċi pendenti bejn il-partijiet jiġu saldati.»*

7. Fil-31 ta' Jannar, 2023, iż-żewġ partijiet u l-avukati tagħhom dehru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li ġiet mgħarrfa li l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jilħqu ftehim. Minħabba f'hekk, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalliet il-kawża għat-28 ta' Marzu, 2023, u għamlitha ċara li sa dakinhar il-kawża kienet sejra tibqa' waħda li kienet qiegħda tiġi mismugħa skont il-proċedura sommarja.

8. Fit-28 ta' Marzu, 2023, il-partijiet reġgħu dehru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u wara li l-avukati tagħhom ressqu s-sottomissjonijiet bil-fomm tagħhom dwar ir-rikors tal-attriċi, il-Qorti qieset li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq, u għalhekk ipposponiet il-kawża għas-sentenza.

9. Dakinhar stess, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;*

*2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi Jean Claude Micallef huwa debitur ta' Antonella Mizzi fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf Ewro (€43,000);*

*3. Tikkundanna lil Jean Claude Micallef iħallas lil Antonella Mizzi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf Ewro (€43,000), bl-imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn Jean Claude Micallef.»*

10. B'rikors tal-appell imressaq fis-27 ta' April, 2023, il-konvenut Jean Claude Micallef talab għat-tħassir, kemm ta' din is-sentenza u kif ukoll tad-digriet li ngħata waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023, fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq, u għalhekk ħalliet il-kawża għas-sentenza għal aktar tard dakinhar stess. Fl-appell tiegħu l-konvenut ressaq diversi lmenti mill-imsemmija digriet u sentenza, li skontu huma lkoll marbuta flimkien.

11. Fil-qosor, il-konvenut jilmenta li d-digriet u s-sentenza mhumiex siewja għaliex l-Ewwel Qorti: (i) għarblet il-provi b'mod għalkollox żbaljat, fosthom dawk imressqa mill-attriċi mar-rikors tagħha, bil-ġurament tagħha stess, li skont il-konvenut, fihom infushom, ixejnu mill-bidu l-elementi meħtieġa biex tkun tista' tintlaqa' t-talba tal-attriċi biex tingħata sentenza kontrih bil-proċedura sommarja; (ii) naqset milli tqis l-argumenti mressqa minnu sabiex huwa jkun jista' jiddefendi ruħu mit-talbiet tal-attriċi; u kif ukoll (iii) ma tagħtux iċ-ċans biex jikkonvinċiha li mal-ewwel daqqa t'għajn, huwa kellu eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet miġjuba kontrih.

12. L-attriċi Antonella Mizzi wieġbet għal dan l-appell fil-21 ta' Lulju,

2023 u hemmhekk hi tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-appell tiegħu, il-konvenut ifisser li waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023, li saret quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ammetta li kellu jħallas lill-attriċi s-somma ta' €40,000 iżda kkontesta kemm il-bqija tal-ammont mitlub mill-attriċi, jiġifieri dak ta' €3,000, u kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża. Huwa jgħid li minkejja din l-ammissjoni tiegħu, is-somma ta' €40,000 ma kinitx dovuta lill-attriċi skont il-kitba li hemm mehmuża mar-rikors maħluf għaliex il-partijiet kienu qablu bejniethom li jtawlu l-perjodu ta' żmien li fih huwa kellu jrodd lura l-flus li l-attriċi sellfitu.

15. Il-konvenut itenni li mill-provi mressqa mill-attriċi ma jirriżultax meta u għal xiex kien dovut l-ammont ta' €3,000. Jgħid li kemm hu hekk, l-attriċi qatt ma semmiet l-ammont ta' €3,000 jew għamlet referenza għall-imsemmi *jet ski*, la fl-ittra tat-22 ta' Awwissu, 2022 u lanqas fl-ittra uffiċjali

tad-29 ta' Awwissu, 2022. Jargumenta li fost il-ħafna dokumenti li l-attriċi ppreżentat, ma hemm l-ebda prova li hija kienet xi darba sidt ta' dan il-*jet ski*, bħal pereżempju ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'isimha ma' Transport Malta, u lanqas prova li dan il-*jet ski* fil-fatt inbiegħ għall-prezz ta' €3,000. Minħabba f'hekk huwa jargumenta li l-attriċi naqset li tressaq prova tajba li dan l-ammont ta' €3,000 huwa ċert u dovut.

16. Huwa jissokta jilmenta li l-Ewwel Qorti qieset il-provi b'manjiera superfiċjali u tefgħet il-piż tal-prova fuqu mingħajr biss ma tagħtu ċans jispjega l-pożizzjoni tiegħu. Dan minkejja li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li fil-proċedura sommarja l-Qorti trid toqgħod attenta li ma tippreġudikax bla bżonn id-drittijiet ta' difiża tal-konvenut.

17. Din il-Qorti tqis li l-proċedura misjuba fl-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hija waħda eċċezzjonali u hija l-uniku każ fejn kawża tiġi maqtugħa mingħajr smigħ. B'hekk din il-proċedura hija eċċezzjoni għall-massima daqstant importanti ta' *audi alteram partem* (ara ***Billboard Advertising Limited v. Stefano Vassallo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2015).

18. Il-leġislatur, fl-**Artikolu 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ħaseb għal tliet sitwazzjonijiet li fihom il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur:

(i) waħda fejn il-konvenut ma jidhirx u jibqa' kontumaċi; (ii) waħda fejn il-konvenut jidher iżda ma jopponix għall-proċedura sommarja fuq il-bażi li din hija irregolari jew mhux applikabbli għall-każ; u (iii) waħda fejn il-konvenut jopponi għal din il-proċedura bla suċċess u jonqos li jissodisfa lill-Qorti li huwa għandu difiża tajba fil-mertu xi jressaq jew li jġibilha fatti li fil-fehma tagħha jkunu biżżejjed biex tagħtuh il-jedd li jikkontesta t-talba (ara ***AIC Fortunato Said v. Joseph Gatt nomine*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 1989).

19. F'kawżi ppreżentati skont l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** xogħol il-Qorti mhuwiex li tara min effettivament għandu raġun, iżda jekk il-konvenut għandux xi difiża jew kontrotalba valida xi jressaq (ara ***John Coleiro et v. Louise Cutajar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015). Wieħed jista' jgħid li fi proċedura bħal din, il-liġi tpoġġi lill-konvenut fi żvantaġġ għaliex fl-ewwel lok, teħtieġ il-preżenza fiżika tiegħu waqt is-smigħ, u fit-tieni lok, titfa' fuqu l-piż li jkun pront fid-difiża tiegħu biex jikkonvinċi lill-Qorti li mad-daqqa t'għajn huwa għandu eċċezzjonijiet validi x'jagħti. Il-Qorti għandha għalhekk tkun ċerta dwar id-deċiżjoni tagħha qabel tgħaddi biex tiċħadlu l-fakultà li jwieġeb għall-kawża miġjuba kontrih permezz ta' tweġiba maħlufa (ara ***Wrought Iron Works Limited v. Carmen Grech*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju, 2001 u ***Meander Company Limited v. Pacifico Bezzina*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015).

20. Fil-każ tagħna, il-konvenut jidher li huwa qiegħed jammetti li għandu jrodd lura lill-attriċi l-ammont ta' €40,000, li hija sellfitu, iżda qiegħed jikkontesta t-talba tagħha biex iħallasha wkoll is-somma ta' €3,000, li skont l-attriċi huwa l-prezz tal-*jet ski* li l-konvenut biegħ f'isimha.

21. Issa meta l-konvenut ressaq nota fl-atti skont l-**Artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, sabiex jikkontesta s-siwi tal-proċedura użata mill-attriċi, it-tliet argumenti tiegħu kienu dawn: (i) li l-ammont ta' €43,000, mitlub mill-attriċi mhuwiex kollu dovut, u dan kif muri fil-messaġġi mxerrda bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġew ippreżentati fl-atti mill-attriċi; (ii) li l-attriċi hija wkoll midjuna miegħu u għalhekk l-ammont dovut lilha huwa inqas minn dak ta' €43,000; u (iii) li huwa ma ġiex notifikat bl-ittra uffiċjali li hemm mehmuża mar-rikors maħluf tal-attriċi u li bejn il-partijiet kienu saru diversi tentattivi biex jinqatgħu d-djun ta' bejniethom.

22. Din il-Qorti tosserva li fin-nota tiegħu, il-konvenut ma fissirx għaliex l-ammont ta' €43,000, kif mitlub mill-attriċi, mhuwiex kollu dovut lilha. Kemm hu hekk, il-konvenut ma ressaq l-ebda argument biex iwaqqa' x-xilja li huwa żamm f'idejh l-ammont ta' €3,000 li ġabar mill-bejgħ tal-*jet ski* tal-attriċi u lanqas ma indirizza b'mod speċifiku l-allegazzjonijiet li għamlet kontrih l-attriċi fir-rigward ta' dan il-*jet ski*. Hekk ukoll, huwa lanqas ta' ħjiel

dwar x'inhuwa d-dejn li għandha miegħu l-attriċi.

23. Minn dak li hemm fl-atti, jidher li l-argumenti kollha li tressqu mill-konvenut f'dan l-appell huma argumenti ġodda li ma sarux minnu quddiem l-Ewwel Qorti. Li kieku l-konvenut ried jikkontesta s-sjieda (titlu) tal-attriċi fuq dan il-*jet ski*, jew l-allegazzjoni tagħha li dan il-*jet ski* kien inbiegħ minnu f'isimha għall-prezz ta' €3,000, huwa kien imissu għamel dan fin-nota li ressaq fit-30 ta' Jannar, 2023 jew waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023 u mhux f'dan l-appell. Madankollu, m'hemm xejn fl-atti li juri li dawn l-argumenti fil-fatt tressqu quddiem l-Ewwel Qorti. Kemm hu hekk, minn qari tal-verbali tal-31 ta' Jannar, 2023 u tat-28 ta' Marzu, 2023, ma jidhirx li l-avukat tal-konvenut ivverbalizza dawn id-difiżi f'isem il-konvenut jew li huwa talab li dawn id-difiżi jitniżżlu fl-imsemmija verbali.

24. Il-fatt waħdu li fi proċedura sommarja l-konvenut jisħaq quddiem l-Ewwel Qorti li huwa għandu xi eċċezzjoni valida xi jressaq, ma jfissirx li l-Ewwel Qorti għandha l-obbligu li tagħtih iċ-ċans li jressaq tweġiba maħlufa. Li kieku kien hekk, il-proċedura sommarja kienet tkun waħda mingħajr ebda użu (ara ***Dr. Mario Schembri nomine v. Joseph Carbonaro nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1997 u ***Joseph Grech v. Domenico Savio sive Savio Spiteri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 2000).

25. Huwa fid-dmir tal-konvenut li jressaq kull difiża li huwa jemmen li għandu kontra t-talbiet attriċi fin-nota mressqa skont l-**Artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jew waqt is-seduta li fiha r-rikors tal-parti attriċi jkun ġie appuntat għas-smigħ. Fil-każ tagħna, il-konvenut la fin-nota u lanqas fis-seduta ma fisser għaliex l-ammont ta' €43,000 mhuwiex kollu dovut minnu. Lanqas biss ikkontesta l-allegazzjonijiet tal-attriċi li: (i) il-*jet ski* inkwistjoni kien tagħha; (ii) li huwa kien biegħ dan il-*jet ski* f'isimha u fuq ordni tagħha; (iii) li l-*jet ski* nbiegħ għall-prezz ta' €3,000; u (iv) li huwa naqas milli jgħaddi l-prezz tal-bejgħ tal-*jet ski* lill-attriċi. Tassew, il-konvenut insista biss, b'mod ġeneriku, li l-ammont ta' €43,000 ma kienx kollu dovut iżda ma spjegax għaliex. Ġaladarba n-nuqqasjiet kienu tal-konvenut stess, jiġi b'hekk li huwa ma jistax jixli lill-Ewwel Qorti li ma qisitx l-argumenti tiegħu jew li hija ma tagħtux ċans biex jikkonvinċiha li huwa kellu xi eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talbiet tal-attriċi.

26. Għalkemm il-prinċipju ta' ġustizzja naturali tal-*audi alteram partem*, li jfisser li ebda persuna m'għandha tiġi ġudikata mingħajr ma tingħata l-opportunità li twieġeb għal dak li jkun qiegħed jingħad fil-konfront tagħha, huwa wieħed fundamentali, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-argumenti mressqa mill-konvenut. Lanqas ifisser li l-Ewwel Qorti ma semgħetux jew ma tagħtux iċ-ċans li jiddefendi ruħu kontra l-allegazzjonijiet tal-attriċi.

27. Fuq kollox, f'ġudizzju mhuwiex assolutament meħtieġ li l-provi tal-konvenut jinstemgħu f'kull każ. Mod ieħor, huwa biżżejjed li l-konvenut jingħata ċ-ċans li jidher u jressaq il-każ tiegħu. Kieku ma kienx hekk, ikun ifisser li sentenza fi proċeduri sommarji ma tista' tingħata qatt ħlief wara s-smigħ tal-provi tal-konvenut. Dan jista' jwassal biex il-konvenut jibqa' passiv jew jipprokrastina ruħu, bil-konsegwenza li kawża ma tingħalaq qatt bid-dispensa tas-smigħ (ara ***Fracht Malta Limited v. Mohamed Madkour*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

28. Fil-każ tagħna, ladarba l-konvenut ma fissirx fid-dettall il-kontestazzjoni tiegħu, din il-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti kienet siewja meta hija sabet li huwa ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tal-attriċi u b'hekk għaddiet biex laqgħet it-talbiet tagħha.

29. B'żieda ma' dan, għandu jingħad ukoll li:

i. l-argument tal-konvenut li s-somma ta' €40,000 hija dovuta lill-attriċi, mhux skont il-kitba tal-1 ta' Awwissu, 2020, iżda skont ftehim ieħor li sar bejniethom, huwa wieħed għalkollox superfluwu ladarba fl-appell tiegħu l-konvenut qiegħed jammetti li huwa għandu jħallas is-somma ta' €40,000 lill-attriċi;

ii. fl-atti m'hemm l-ebda prova jew kontradizzjoni li tista' twassal lil din il-Qorti biex temmen li l-ammont ta' €43,000 mhuwiex dovut kollu kemm hu lill-attriċi;

iii. il-fatt waħdu li l-ammont ta' €3,000 ma ssemmiex mill-attriċi fl-ittri mibgħuta minnha lill-konvenut jew fil-konversazzjonijiet li saru bejn il-partijiet fuq *whatsapp*, bl-ebda mod ma jfisser li dan l-ammont mhuwiex dovut lill-attriċi; u

iv. wieħed ma jifhimx kif il-konvenut qiegħed jippretendi li l-attriċi kellha tressaq prova li hija kienet xi darba sidt il-*jet ski* inkwistjoni, bħal ċertifikat ta' reġistrazzjoni f'isimha ma' Transport Malta, meta fl-affidavit tagħha, l-attriċi fissret li dan il-*jet ski* kien ġie reġistrat sewwasew fuq il-konvenut bil-kunsens tagħha minħabba li hija ma kellhiex liċenzja biex tbaħħar.

30. Għalhekk, meqjus dan kollu l-appell tal-konvenut qiegħed jiġi miċħud.

31. Fit-tweġiba tal-appell tagħha, l-attriċi ssostni li l-appell tal-konvenut huwa wieħed fieragħ u vessatorju, u tisħaq li din il-Qorti għandha tordnalu jħallas spejjeż doppji skont l-**Artikolu 229(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dwar dan jingħad minnufih li l-artikolu tal-liġi msemmi mill-attriċi ma japplikax għal dan il-każ għaliex l-

appell tal-konvenut sar skont l-**Artikolu 226 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux skont l-**Artikolu 229 tal-istess Kodiċi**. F'kull każ, din il-Qorti mhijiex tara li jeżistu l-estremi biex il-konvenut jiġi ordnat iħallas spejjeż doppji għall-appell imressaq minnu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenut Jean Claude Micallef. L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk tal-appell, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-istess Jean Claude Micallef.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da